# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

# <u>Decizjoni Nru. 1715</u>

Kaz Nru. 2158/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
George Farrugia
u
Michael Attard Ltd.

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*
Illum it-Tnejn 25 ta' Settembru 2006
**<u>Chairman : is-Sur Alphonse Caruana</u>**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Dikjarazzjoni tal-fatti pprezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri mis-Sur Lino Vassallo, Segretarju Taqsima Lukandi, Ikel u Xorb ta' l-Union Haddiema Maghqudin f'isem George Farrugia fejn qed jghid illi t-tkeccija tieghu mill-impieg ma saritx skond il-ligi. Is-Sur George Farrugia kien assistit mis-Sur Lino Vassallo u mill-Avv. Norma Vella li assocjat ruha fil-patrocinju tas-Sur Farrugia aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghal-kumpanija Michael Attard Ltd. aktar 'l quddiem tissejah is-socjeta deheru d-Diretturi Michael Attard u John Attard assistiti mill-Avv. Reuben B Farrugia.

It-Tribunal zamm ghaxar seduti.

**Stqarrija tal kaz**

L-appellant qed jghid illi fit-13 ta' Lulju 1987 huwa gie impjegat fuq kuntratt indefinit bhala *Petrol Pump Attendant* mal-kumpanija Michael Attard Ltd. Illi fis-6 ta' Novembru 2003 l-istess Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-istess esponenti

ghall-ragunijiet ta' dixxiplina. Illi l-esponenti jhoss li t-tkeccija tieghu mill-impieg in kwestjoni ma saritx ghal raguni valida skond il-ligi kif ukoll li din it-tkeccija ta' l-istess esponeti saret b'mod l-aktar ingust.

Ir-raguni principali tat-tkeccija ta' l-appellant skond il-management ta' Michael Attard Ltd. hija dik ta' dixxiplina wara li allegatament l-appellant naqas mir-rispett lejn klijenta li ma kienetx sejra tiehu petrol izda kienet serja tixtri xi *spare parts* kif ukoll naqas mir-rispett lejn is-superjuri tieghu.

Is-socjeta appellata tghid illi l-passi li hadet kontra r-rikorrenti George Farrugia kienu gustifikati u dana b'rizultat ta' l-imgieba hazina u nsabordinata ta' l-istess rikorrent. Illi matul is-snin fl-impieg tieghu George Farrugia gie imwissi diversi drabi bl-imgieba hazina tieghu waqt il-hin tax-xoghol u partikulari in vista tal-uzu ta' kliem oxxen u baxx, inkluz dagha li l-imsemmi George Farrugia kien juza fil-konfront tal-klijenti u mpjegati ohra tas-socjeta esponenti. Illi fis-6 ta' Novembru 2003 l-imsemmi George Farrugia qabad jghajjat, jidghi u juza kliem oxxen fil-konfront ta' klijenta tas-socjeta esponenti, liema fatti sehhew quddiem impjegati ohra tas-socjeta esponenti.

Illi Michael Attard wissa lil l-imsemmi George Farrugia sabiex jieqaf izda dana tal-ahhar minflok aderixxa mal-ordni legittima prova jahbat fizikament ghall-imsemmi Michael Attard u f'liema hin, George Farrugia kien ghadu qed jghajjat, jidghi kif ukoll juza kliem oxxen.

**Provi**

Is-Sur Adrian Scicluna Calleja, *After Sales Manager,* xehed illi ilu tnax-il (12) sena fl-impieg mas-socjeta appellata u lill-appellant jafu illi kull tant kien ikun f'sitwazzjoni li jidghi u jitkellem hazin ma kullhadd. Qal illi hi n-natura tieghu li jaghmel hekk. Hemm sitwazzjonijiet fejn tista' tghid li kellu ragun pero li tuza

certu diskors hadd ma jixtieq.  L-inkwiet kien jinqala ghax kien ikun hemm il-klijenti illi jpparkjaw fejn gie gie.

Is-Sur Brian Farrugia, *Salesman,* qal li ilu hmistax-il (15) sena mpjegat mas-socjeta appellata. Qal illi l-appellant kellu parti minn xogholu  li jara li ma jhallix li jsir *parking* fejn ma hux suppost.  Il-*parking* huwa ristrett hafna.  L-appellant xogholu kien jaghmlu pero kellu karattru impulsiv, karattru li kien jitlaghlu.  Kien hemm klijenta li qaltlu illi giet biex tixtri karozza u regghat lura minhabba li meta giet biex tipparkja l-appellant kien qallha xi kliem hazin.

Is-Sur Tonio Fenech, *General Manager,* xehed li ilu dsatax-il (19) sena impjegat mas-socjeta appellata. Qal illi l-appellant ta' spiss kien ikollu attegjament kemm xejn mhux korrett mal-kljenti u kien jirrizulta f'kliem hazin u kliem baxx. Sostna illi kien iwiddbu spiss.  Qal li kien hemm klijenti li kienu jevitaw li jiehdu l-petrol meta jkun hemm l-appellant

Is-Sur Michael Attard, *Managing Director tas-socjeta appellata,* xehed illi kien ilu jiehu pacenzja bl-appellant zmien twil, widdbu diversi drabi, kien ikellem hazin u jidghi ma' kullhadd sew klijenti jew impjegati.  Qal li kien aggressiv hafna fl-ahhar kaz li kellu fis-6 ta' Novembru 2003 u kellu wkoll incident partikulari fejn ta bil-ponn fuq karozza ta' klijent.

Is-Sur Alex Tanti, *Sales Manager,* xehed illi l-appellant ghandu karattru *very temperimental*, raff hafna.  Qal li huwa fatt illi jrid jara li ma jhalli l-hadd jipparkja fil-post riservat tad-Diretturi, izda meta kien jigi xi klijent ghal  xi *spare parts* kien jispicca b'hafna litigar.  Kellu kaz meta klijent gie biex jiehu karozza gdida li kienet fil-linja tal-pompa kien gie l-appellant beda jghajjat mieghu u jkellmu pastaz u ta daqqiet mal-bieba tal-klijent u mal-*windscreen* u anki imbuttah.  Kull ma kien gara ghax kien fin-nofs.

Is-Sur Michel Attard, *It-tifel tal-Managing Director,* qal illi fis-6 ta' Novembru 2003 kif wasal fuq il-pompa ra lill-appellant jiftah idejh u l-klijenta hierga mill-hanut ta' l-*ispare parts* u beda jindirizzha b'kliem oxxen biex tressaq il-karozza.

Is-Sinjura Susan Chircop, *Klijenta tas-socjeta appellata,* xehdet illi fis-6 ta' Novembru 2003 hadet il-karozza Peugeot 307 ghand Michael Attard Limited biex jaghmlu s-service tal-karozza. Qalet illi qatt ma kienet marret bil-karozza hemm u ma kienetx taf fejn ghandha tmur bil-karozza. Kienet waqfet il-karozza quddiem is-*showroom* u staqsiet fejn trid thalli l-karozza ghas-*service*. Appena harget kien hemm tal-*petrol station* u beda jghajjat maghha. Qalet illi tant baqa jghattat u jinsisti maghha illi hassitha aggreditha.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant kien impjegat mas-socjeta appellata bhala *petrol pump attendant* kien ilu mpjegat 17 il-sena, kellu wkoll il-kariga mis-superjuri tieghu illi jara li l-*parking* ikun dejjem mizmum sewwa. Matul is-snin li ghamel jahdem mas-socjeta appellata d-dirigenti tas-socjeta partikularment is-Sur Michael Attard, *Direttur Manigerjali,* qal fix-xhieda tieghu illi kemm il-darba kien iwissi lill-appellant biex igib ruhu ahjar sew mal-klijenti u wkoll ma' l-impjegati.

Jirrizulta car hafna illi l-appellant kien barra x-xoghol tal-pompa kien irid wkoll jiehu hsieb illi jara li dik l-lokalita riservata ghall-*parking* tkun dejjem mizmuma skond l-ordnijiet li kellu.

Mill-provi hareg illi l-appellant kien jaghmel ix-xoghol tieghu mill-ahjar li jista'. Fil-qadi ta' dmirijietu kellu karattru goff jew zorr u anki bla manjieri socjali u etika komuni ta' edukazzjoni illi kull min jahdem f'ambjent mal-publiku huwa mistenni li jkun imzejjen biehom.

*Id-Direttur Manigerjali,* is-Sur Michael Attard qal illi kemm il-darba wissieh, l-istess xehed is-Sur Tonio Fenech, *General Manager,* illi kien iwiddbu spiss

minhabba li kien ikollu attaggjament kemm xejn mhux korrett mal-klijenti sa kien jasal f'kliem hazin u kliem baxx.
Is-Sur Adrian Scicluna Calleja, *After Sales Manager,* xehed illi kien ikun hemm sitwazzjonijiet li tista' tghid illi l-appellant kien ikollu ragun imma ma hux accettabbli illi tidghi u tkellem hazin lill-klijenti.

Il-kaz tas-6 ta' Novembru 2003 mas-Sinjura Susan Chircop, klijenta tas-socjeta appellata li kienet hadet il-karozza Peugeot 307 ghas-*service*, l-appellant dakinhar tant kien ghajjat maghha quddiem in-nies minhabba li halliet il-karozza mhux fejn suppost illi hassitha aggredita, marret fuqu u qaltlu, *"taf li inti pastaz, tigi tghajjat man-nies hekk"* u kompliet tghidlu, *"mela hekk titratthom in-nies?"*

Mistoqsi mid-difensur legali tieghu dwar jekk kienx minnu li ghajjat mal-klijenta s-Sinjura Susan Chircop, cahad li ghamel hekk. Mistoqsi jekk kienx jidghi mal-klijenti, qal illi qatt ma dagha matul iz-zmien li ghamel jahdem mas-socjeta appellata, qatt ma kellu xi jghid ma' l-impjegati, qatt ma kellu *warning* la verbali u l-anqas bil-miktub.

Ghal dak kollu li ntqal minn diversi xhieda l-appellant cahad kollox. It-Tribunal ghaldaqstant jara illi f'dan il-kuntest x-xhieda ta' l-appellant ma hix kredibbli. Il-bazi principali tax-xhieda prodotta hija illi l-appellant huwa bnediem ta' karattru li ma jgibx ruhu sewwa mal-klijenti u l-anqas ma' l-impjegati, malajr jaqbad jidghi, jghajjat u jitkellem hazin.

Dan l-atteggjament f'post fejn il-klijenti huma s-sostenn tal-hajja tan-negozju ma hux sewwa. Il-klijent mehtieg illi jigi mghoti servizz sew u xieraq bl-ahjar manjieri possibbli. Karattru hekk goff zgur illi jaghmel hafna hsara liema hsara tista' f'terminu ta' negozju f'suq zghir u kompettitiv jkun ta' dannu mhux biss ghas-socjeta izda wkoll ghall-istess impjegati.

Karattru ta' din in-natura f'socjeta civili u edukata la huwa tollerabbli u l-anqas accettabbli.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, ra x-xhieda prodotta, isib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg kienet gusta u sufficjenti.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

__________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**